**Ms Maria Mercieca**

**FITA AGM Speech 2007**



Jiena Maria Mercieca, noqghod Dar Nazareth, iz-Zejtun.

Jiena ghamilt zmien nuza' kompjuter xi ftit antik, w l-FITA kienu ghenuni billi ghamlu servicing u upgrade fuqu. Izda issa ma jiflahx ilahhaq mas-software li ghandi bzonn nuza' minhabba x-xoghol u qed nahseb biex nixtri laptop gdid.

Fejn noqghod ma ghandix Internet, u dan ghalija zvantagg kbir. Fil-break meta kont nahdem il-FITA, kont inkun nista' nuza' l-emails biex inzomm kuntatt ma hbieb w ghaqdiet , u nkun nista' wkoll nikseb informazzjoni dwar suggetti li jinteressawni.

Jiena ghamilt kwazi sentejn nahdem fuq bazi volontarja fi hdan il-FITA. Ix-xoghol tieghi kien jikkonsisti l-aktar f' database management.

Wara hafna zmien mal-FITA, meta Stanley w Michael keinu jinqabdu xoghol barra, kienu ihallu f'idejjha biex niehu hsieb l-appuntamenti w l-klijenti li jinqalghu ghall-gharrida, sakemm dawn jilhqu jaslu.

Jien nuza' mouth stick biex nittajpja fuq il-keyboard, w nista' nlahhaq tajjeb ma hadd iehor. Tant hu hekk, li kemm domt nahdem il-FITA, dejjem sibt li inqala' aktar xoghol ghalija, ghax kienu jafu li jien kapaci nlestih f'qasir zmien.

Dan ix-xoghol sibt li gheni biex intejjeb il-hiliet tieghi fuq il-kompjuter u anke fil-lingwa Ingliza.

Permezz tal-FITA ippartecipajt f'kors tal-entrepreneurship dwar kif jinholoq u jitmexxa business, u dan kien ta' interess kbir ghalija w shabi li hadu sehem.

Waqt li kont qed nahdem mal-FITA attendejt wkoll kors tal-Access to Professional Training, organizzat mill-KNPD w l-Universita' ta' Malta. Dan il-kors kien juza' l-Moodle li huwa sistema ta' taghlim online fejn l-istudenti w l-ghalliema jistghu jikkomunikaw w jahdmu flimkien.

Fix-xoghol li ghandi bhal issa, nuza' headphones u modem fuq kompjuter, biex inkun nista' nwiegeb it-telefon u nibghat noti w emails kollox minn fuq il-kompjuter.

Nista' nghid li l-kompjuter jippermettili naghmel bosta affarijiet li kieku ma nkunx nista' naghmel. L-komunikazzjoni w l-access ghall-informazzjoni ippermettewli li nikseb aktar kontroll fuq hajti w dak li jigri madwari, filwaqt li fetahli orizzonti godda

Il-kompjuter jghini nohloq xoghol pulit, u nzomm rendikont ta' affarijiet mportanti. Nista' naqra gazzetti online b'aktar facilita', anke l-kotba issa qed jitqassmu b'format elettroniku jew MP3 ghal aktar kumdita'.

Nista' naghmel uzu minn servizzi online differenti w nitlob aktar informazzjoni fuq suggetti ta' interess. Izda l-aktar aspetti mportanti ghalija jibqghu c-cans li nista' nikseb indipendenza daqs hadd iehor, f'bosta aspetti ta' hajti, inkluz il-possibilita' ta' xoghol produttiv.

Il-possibilita' li taghtni l-FITA ghalhekk kienet u tibqa' importanti ghalija, ghax filwaqt li hallewni libera li naghzel w nuza' l-potenzjal tieghi, biex nahdem w nitghallem nuza' ghodda godda w navvanza aktar f'hajti.

Grazzi

Maria Mercieca